# Rapport Amministrattiv 2023

# Kunsill Lokali Birżebbuġa

## Laqgħa Annwali tal-Lokalità

### It-Tlieta 9 t'April 2024

## Werrej:

Il-Kunsill Lokali Paġna 2

Seduti tal-Kunsill u Responsabbilitajiet Paġna 4

Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2023 Paġna 7

Rapport Finanzjarju għas-sena 2023 Paġna 11

Rapport ta' ħidma miktub mill-Kunsilliera Paġna 14

Konklużjoni Finali Paġna 18

# 1. Il-Kunsill Lokali

Birżebbuġa, skond l-aħħar Reġistru Elettorali maħruġ f'Ottubru 2023, hija lokalità, b'9,016 -il elf votant. Għalhekk, skont il-liġi tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, huwa kompost minn disa' Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu.

Il-parti Amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, mgħejjun minn tmien skrivani u Contracts Manager part-time. Flimkien, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkoordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-Finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-Seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti, kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun li jiddiskutu u jressqu proposti, li wara jiġu diskussi u deċiżi waqt Seduta tal-Kunsill Lokali.

## L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali:

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta kif ġej:

**Is-Sur Jordy Brincat** — **Segretarju Eżekuttiv**
Responsabbli mill-operat u l-ħidma sħiħa tal-Kunsill Lokali, l-Amministrazzjoni, l-Finanzi, r-Riżorsi Umani u r-relazzjonijiet mar-residenti, Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

**Is-Sa Stephanie Aloisio** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett amminstrattiv. Responsabbli mill-applikazzjonijiet marbuta mal-awtorità tat-trasport, relazzjonijiet ma' diversi awtoritajiet oħra, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Simone Fenech** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-attivitajiet kulturali u soċjali. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff, kirjiet tal-futbol pitch, permessi, ħlasijiet, attivitajiet soċjali, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Eleanor Manicaro** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett finanzjarju.
Responsabbli mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità, kif approvati waqt is-seduti, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn.

**Is-Sa Gloria Abela** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tar-riżorsi umani. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, u azjendi kummerċjali, ħlasijiet, xogħol relatat mar-riżorsi umani flimkien u remunerazzjoni tal-membri tal-Kunsill, ħlasijiet, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Dr. Alessia Psaila Zammit** — **Contracts Manager**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-kuntratti maniġerjali u relazzjoni mal-kuntratturi. Tissorvelja l-lokalità fejn ikun responsabilità tal-kuntratturi. Iżomma aġġornament tal-kuntratti u l-avviżi maħruġa lill-istess kuntratturi. Tikkordina wkoll il-pubblikazzjoni tal-ħruġ tat-tenders.

**Is-Sur Christian Mifsud** — **Uffiċjal Eżekuttiv**
Jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv f'diversi laqgħat. Jassisti mill-aspett amminstrattiv. Responsabbli mill-applikazzjonijiet tal-iskemi kollha, ġbir ta' kwotazzjonijiet, Fixed Assets Register u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Anabelle Sareo** — **Uffiċjal Eżekuttiv**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-korrisopondenza u każijiet tal-ilmenti. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff, permessi, ħlasijiet, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Anabel Micallef** — **Skrivana**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fejn jidħol media u relazzjonijiet pubbliċi Tassisti mill-aspett finanzjarju u mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità, kif approvati waqt is-seduti, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn.

**Is-Sa Maria Gerada** — **Receptionist**
Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, *telephone operator* u assistenza ġewwa l-uffiċċju.

---

*Matul din is-sena l-ħaddiema tal-kommunità, ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:*

Is-Sur Raymond Vella *(Foreman)*
Is-Sur Francis Cassar
Is-Sur Stephen Magro
Is-Sur Bartholomew Portelli
Is-Sur Vince Mc Intyre
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Stefano Buhagiar

## 2. Seduti tal-Kunsill Lokali u Resposabilitajiet

*L-attendenza tal-Kunsilliera kollha waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa ta' bejn Jannar (Seduta 59) u Diċembru 2023 (Seduta 75).*

| Isem il-Kunsillier | Numru ta' seduti | Preżenti | Assenti b'apoloġija | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| **Scott Camilleri** | 17 | **17** | - | - |
| **Josette Busuttil** | 17 | **17** | - | - |
| **Joseph Farrugia** | 17 | **11** | 6 | - |
| **Sandro Alexander Caruana** | 17 | **16** | 1 | - |
| **Doriana Portelli** | 17 | **8** | 9 | - |
| **Maria Mifsud** | 17 | **11** | 6 | - |
| **Carlo Stivala** | 17 | **-** | - | 17 |
| **Johann Borg** | 17 | **9** | 8 | - |
| **Simon Buttigieg** | 17 | **17** | - | - |

## *Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-Kunsilliera attwali*

- **Is-Sur Scott Camilleri -** *Sindku*

a) Rappreżentant fil-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar
b) Rappreżentant għall-fondazzjoni GAL XLOKK
c) Rappreżentant għal *Malta Freeport Terminals*
d) Rappreżentant fl-Aġenzija Żgħażagħ
e) Rappreżentant fl-*isteering committee* tal-*iskate park*
f) Rappreżentant fil-*youth exchanges*
g) Kultura u proġetti relatati
h) Fondi tal-Unjoni Ewropea
i) Għaqdiet lokali, żgħażagħ u tfal
j) Protezzjoni ċivili
k) Kommunitajiet kummerċjali

- **Is-Sinjura Josepha k/a Josette Busuttil -** *Viċi Sindku*

a) Attivitajiet kulturali
b) Avvenimenti lokali u soċjali
c) *Playing fields*
d) Qasam soċjali
e) Persuni bi bżonnijiet speċjali
f) Integrazzjoni soċjali
g) Komunitajiet

- **Is-Sur Joseph Farrugia -** *Kunsillier*

a) Xogħlijiet u proġetti
b) Aspetti soċjali
c) Koordinament mal-Gvern Ċentrali

- **Is-Sur Sandro Alexander Caruana -** *Kunsillier*

a) Immaniġjar tat-traffiku
b) Parkeġġ
c) Skemi
d) Infrastruttura u proġetti kapitali
e) Dwal tat-toroq

- **Is-Sinjorina Doriana Josepha Portelli –** *Kunsillier*

a) Edukazzjoni
b) Libreriji pubbliċi
c) Harsien tal-annimali
d) Espressjonijiet artistiċi
e) Żgħażagħ u tfal
f) Rappreżentanta fl-*Isteering committee* tal-*iskate park*

- **Is-Sinjura Maria Mifsud** - *Kunsillier*

a) Ambjent
b) Indafa
c) Żamma tal-ġonna u *soft areas*
d) Turiżmu
e) Rappreżentanta f'isem il-Kunsill għall-*Malta Freeport Terminals*

- **Is-Sur Carlo Stivala** - *Kunsillier*

a) *Sports* u attivitajiet fiżiċi
b) Intrapriżi żgħar u medji

- **Is-Sur Johann Borg** - *Kunsillier*

a) Saħħa
b) Applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar
c) Fondi Ewropej
d) Trasport Pubbliku *(flimkien mal-Kunsillier Simon Buttigieg)*
e) Saħħa Mentali

- **Is-Sur Simon Buttigieg** - *Kunsillier*

a) Infurzar u sigurtà
b) Qasam marittimu
c) Trasport pubbliku *(flimkien mal-Kunsillier Johann Borg)*

***Steering committee* fi ħdan il-*Malta Trust Foundation***

rappreżentanza mis-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsilliera Doriana Portelli.

---

# Formazzjoni tal-Kunsill Lokali (2019 – 2024)

| | |
|---|---|
| *Is-Sur Joseph Farrugia* | **Sindku** (minn Lulju 2019 sa Lulju 2021)<br>**Kunsillier** (minn Awwissu 2021 sal-llum) |
| *Inġinier Stanley Zammit* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sa Mejju 2022) |
| *Is-Sur Scott Camilleri* | **Viċi Sindku** (minn Lulju 2019 sa Lulju 2021)<br>**Sindku** (minn Awwissu 2021 sal-llum) |
| *Is-Sa. Josepha k/a Josette Busuttil* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sa Lulju 2021)<br>**Viċi Sindku** (minn Awwissu 2021 sal-llum) |
| *Is-Sur Sandro Alexander Caruana* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sa. Doriana Josepha Portelli* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sa. Maria Mifsud* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sur Carlo Stivala* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sal-llum) |
| *Is-Sur Joseph Baldacchino* | **Kunsillier** (minn Lulju 2019 sa Jannar 2023) |
| *Is-Sur Johann Borg* | **Kunsillier** (minn Ġunju 2022 sal-llum) |
| *Is-Sur Simon Buttigieg* | **Kunsillier** (minn Jannar 2023 sal-llum) |

## 2. Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2023

***Rapport mħejji mis-Sindku Scott Camilleri** [B(Hons) European Studies with Communications]*
***u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat.***

### *Introduzzjoni*

Matul is-sena 2023 il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ħadem fuq diversi proġetti li joffru kwalità ta' ħajja aħjar lir-residenti ta' Birżebbuġa, fosthom diversi proġetti ambjentali, infrastrutturali, soċjali, tisbiħ, sigurtà, u sports. Apparti minn hekk fis-sena li għadha kif intemmet, komplejna nwettqu u naħdmu qatigħ sabiex inkabbru l-effiċjenza fis-servizzi li noffru lill-komunità, billi nagħtu aktar servizzi b'inqas spejjeż.

Matul is-sena 2023, il-Kunsill kompla jsaħħaħ is-servizzi, filwaqt li ħadem ħafna sabiex itejjeb il-finanzi tal-Kunsill. Kellna nżommu jdejna sodi mal-kuntratturi, kif ukoll addottajna tfassil ta' sistemi ġodda u modernizzar diġitali. Harġu aktar offerti pubbliċi, fejn il-Kunsill żied is-servizzi li ġabu magħhom żieda fl-ispejjeż kuntrattwali.

Il-ħidma ta' dan il-Kunsill hi mqassma fuq diversi setturi, bħall-infrastruttura, proġetti kapitali u xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq, tindif, ġbir ta' skart u rimi illegali, tisbiħ u manutenzjoni ġenerali, infurzar u sigurtà fil-lokalità, solidarjetà u ħidma fil-qasam soċjali, edukazzjoni, tfal u żgħażagħ.

Is-sena 2023 hi meqjusa sena kruċjali biex il-Kunsill Lokali jibda jagħlaq il-manifest elettorali li dan tela' bih fl-2019. B'hekk, ħidmet il-Kunsill tirrifletti dan l-aspett tant importanti. Fl-2019 dan il-Kunsill wiegħed li jidentifika post biex jibda jservi bħala berġa tas-saħħa tal-lokalità. Dan wara li, lura għal 7 snin ilu, dan is-servizz ma baqax jingħata f'din il-komunità. Il-Kunsill ħadem qatigħ mad-Dipartiment tas-Saħħa biex fl-2023 ġie identifikat post, u dan beda jiġi mibdul fi klinika tas-saħħa.

Dawn ix-xogħlijiet issa waslu fi stadju avvanzat sew, u huwa maħsub li din tinfetaħ għall-ewwel kwart tas-sena 2024. Proġett ta' importanza oħra fil-komunità ta' Birżebbuġa huwa car park biswit il-Freeport: post li għal numru ta' snin kien jitgawda mill-privat.

Illum il-ġurnata, żewġ sulari minn dan il-parkeġġ ingħataw lura lill-pubbliku. Dan il-proġett ġie inawgurat uffiċjalment ftit tal-jiem ilu. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Gvern Ċentrali tal-ħidma tiegħu f'dan il-proġett tant importanti għal-lokalità tagħna.

Il-mira tal-Kunsill hi li jkompli jaħdem sabiex mhux biss itejjeb l-operat, iżda fl-istess waqt ikompli jaħdem sabiex il-lokalità ta' Birżebbuġa tkompli tisbieħ u tattratta lill-pubbliku inġenerali. Filwaqt li l-Kunsill dejjem jagħmel ħiltu kollha sabiex iżomm il-finanzi f'qagħda tajba, ser ikompli jinvesti f'aktar proġetti kapitali lejn il-lokalità. Il-Kunsill jinsab ċert li b'dan it-titjib, kif ukoll proġetti proposti huma sabiex jirrispetta l-ambjent u l-valur ta' Birżebbuġa. Dan kollu nwettquh sabiex inkomplu nkunu ta' eżempju tajjeb għal lokalitajiet oħra.

## Infrastruttura, proġetti kapitali u xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq

### *Xogħlijiet ta' toroq:*

Fi Triq il-Port Ħieles tlestiet sistema ta' storm water ġdida (parti minn Infrastructure Malta u parti mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi) biex l-ilma kollu tan-naħa ta' Tal-Papa jibqa' nieżel sa ħdejn l-islipway ta' Wied il-Buni. Tlestew ix-xogħlijiet fi Triq Ta' Feliċjan, Triq Għar Ħasan, Sqaq Ta' Salvun u Triq il-Port Ħieles.

B'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi saru dawn il-bankini fi Triq San Edwardu, Triq San Patrizju ('il biċċa ta' fuq), Triq Ġużeppi Despott, Triq 13 ta' Diċembru, Triq San Edwardu, biċċa minn Triq Sant'Anġlu, Triq Arturo Issel, u biċċiet oħrajn li kienu nkisru. Saru rubber sleeping police fejn kien hemm il-permessi minn Transport Malta.

Diskussjonijiet ma' entitajiet pubbliċi fuq l-istorm water unit tal-Public Works Department għal culvert minn Triq Birżebbuġa sa Triq San Ġorġ u Triq Tal-Ġebel, liema xogħol imbagħad irid isir minn Infrastructure Malta.

### *Proġetti Kapitali:*

Bl-għaqal finanzjarju ta' dan, fl-2023 il-Kunsill daħal għal proġett ta' rinovar tal-bandli fi Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti. Proġett li sewa 'l fuq minn €150,000.

Il-Kunsill flimkien mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qed jaħdmu fuq ir-rinovar tal-bandli inklussiv fiż-żona f'Tal-Papa. Matul l-2023 il-Kunsill applika mal-Awtorità tal-Ippjanar għar-rinovar tal-bandli fi Ġnien Profs. Anton Tabone. Tlestew ukoll ix-xogħlijiet fuq il-latrina ta' Wied il-Buni.

### *Dawl u servizzi:*

Upgrade fis-sistema tad-dawl tal-Bajja s-Sabiħa. Jinbidel id-dawl kollu tax-xatt, li jinkludi l-globi u l-bozoz LED kollha. Sar ukoll dawl dekorattiv f'Misraħ San Ġorġ Preca biswit il-mużew tas-subien, u saru iżjed bozoz skont it-talbiet tar-residenti kif ukoll għaddew electrical feeder lejn in-naħa ta' Tal-Papa, Triq in-Noqra, Triq it-Tankijiet, u Triq Santa Katarina.

## Immaniġġjar tat-traffiku u trasport pubbliku

Tkompliet is-sistema li jiġu friskati l-linji tas-sinjali f'Birżebbuġa, li jinkludu l-parking bays, stop signs, yellow lines, eċċ. Apparti minn hekk, il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu biex jiġu ikkoreġuti diversi sinjali oħra sabiex jiżdiedu l-parkeġġi u jiġu mmarkati ż-żoni tal-ħwienet kummerċjali fi żmien il-festa. Ġew irranġati wkoll diversi crash barriers fi Triq Ta' Karaġ, Triq iż-Żurrieq u Triq Tal-Ġebel. Ma' dawn isiru wkoll tindif u arranġamenti ta' mirja f'diversi toroq u daħliet problematiċi.

## Tindif, ġbir ta' skart u rimi illegali, tisbiħ u manutenzjoni ġenerali

Suċċess fuq il-proġett pilota għat-tindif mal-Cleansing & Maintenance Division sabiex ikollna iżjed tindif ta' kwalità fit-toroq tagħna. Bl-għajnuna tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, matul is-sena 2022/23 sar rinovar estensiv fil-latrina ta' San Ġorġ u ta' Wied il-Buni. Apparti minn hekk id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għamel tiswijiet neċessarji fuq l-art biswit il-pitch tal-boċċi u manutenzjoni fuq diversi ħitan perikolużi mal-lokal kollu.

Matul is-sena, permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill u t'entitajiet governattivi bħal Tourism Zones Regeneration Agency u l-Clean Malta, saret manutenzjoni fl-għamara tat-toroq, żebgħa fuq ir-railings, bankijiet u gazebos max-xatt kollu: mix-xatt ta' San Ġorġ sa Wied il-Buni. Tindif fiż-żoni urbani, rurali, u f'postijiet imwarrbin fil-periferiji tar-raħal. Sar investiment qawwi fil-kontenituri tal-iskart, dog bins u tħawwil ta' diversi siġar u pjanti.

Permezz tas-sehem ta' diversi għaqdiet volontarji, il-Kunsill ħa ħsieb li jorganizza diversi Clean Up days, fejn inġabar ammont sostanzjali ta' skart mormi illegalment, filwaqt li dejjem sab l-għajnuna ta' Clean Malta biex toħdilna dan l-iskart miġbur. Grazzi għall-ħaddiema tal-Malta Freeport, fil-European Week for Waste Reduction sar tindif fl-inħawi tal-pjazza, fejn ġew imħawla wkoll xi pjanti.

Parti sostanzjali mill-allokazzjoni tal-Kunsill tiġi ddedikata sabiex jingħataw is-servizzi b'xejn lir-residenti marbuta mat-tindif, fosthom ġbir ta' skart domestiku mit-Tnejn sas-Sibt, ġbir ta' skart goff tliet darbiet fil-ġimgħa, servizz ta' knis ta' toroq, tindif taż-żoni urbani u rurali, u żamma tal-latrini pubbliċi.

## Infurzar u sigurtà fil-lokalità

Il-Kunsill installa aktar CCTVs sabiex jitnaqqas l-abbuż eċċessiv tar-rimi tal-iskart illegali. Matul is-sena komplejna ninstallaw diversi CCTVs mal-iBins tal-lokalità li jinsabu fi Triq il-Merżuq, Triq F.M. Ferretti u Triq iż-Żebbuġ, fost oħrajn. Apparti minn hekk sar investiment f'żewġ mobile CCTVs. Sar aċċess ukoll fil-Bajja s-Sabiħa fejn fiha issa hemm coverage sħiħ bil-cameras, filwaqt li ssuktaw diskussjonijiet sabiex jiżdiedu iktar CCTVs fuq l-iBins ta' Triq Ħal Far, Triq il-Gandoffla u Triq Tal-Papa.

## Solidarjetà u ħidma fil-qasam soċjali

B'kollaborazzjoni diretta mal-Ministeru għas-Saħħa u Kura Primarja, il-Kunsill fassal pjan u insista sabiex jinbeda wkoll il-proġett tal-binja għal berġa addattata fil-lokalità tagħna. Għal dan il-proġett qed ikollna għajnuna mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Matul din is-sena l-Kunsill iffirma d-devoluzzjoni tal-art. Apparti minn hekk il-Kunsill ħadem qrib id-Dipartiment tas-Saħħa Primarja biex jinkera post għall-klinika. Wara li nkera dan il-post, inbeda l-proċess mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinġiebu l-permessi meħtieġa.

Il-Kunsill jemmen kemm l-attività għall-anzjani hija ferm importanti. Għaldaqstant baqa' jipprovdi servizz tat-trasport b'xejn għal ħruġ lill-anzjani li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum. Dan sar permezz ta' parti finanzjarja mill-Malta Freeport. Apparti minn hekk, mis-sena

2023 f'Birżebbuġa beda jiġi offrut is-servizz tas-Silver T: servizz ta' trasport b'xejn għall-anzjani.

B'kollaborazzjoni mal-Foundation for Social Welfare Services, il-Kunsill offra parti mis-sala fi ħdan il-binja tal-Kunsill biex jitqassmu kaxxi b'ikel u riżorsi lil familji vulnerabbli fil-komunità, kif ukoll offrejna kamra oħra sabiex issir ħidma fuq il-qasam soċjali għar-residenti tagħna.

## *Edukazzjoni, tfal u żgħażagħ*

B'servizz ta' Lifelong Learning, il-Kunsill offra numru ta' korsijiet għall-adulti, sabiex dawn jibqgħu jitħarrġu fit-tagħlim tagħhom. Apparti minn hekk kompla jsir l-investiment fil-librerija tal-lokalità li tinsab fl-iskola primarja ta' Birżebbuġa.

Għas-sena 2023 Birżebbuġa kienet waħda mill-aktar libreriji li jikkonkorru nies għaliha, b'hekk il-Kunsill matul din is-sena investa fi xkafef u kotba ġodda permezz ta' skema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

## *Komunikazzjoni mar-residenti*

Il-komunikazzjoni mar-residenti hija ta' prijorità. Matul din is-sena l-Kunsill kompla jsaħħaħ il-komunikazzjoni tiegħu fuq il-paġni soċjali kif ukoll b'mezzi tradizzjonali oħrajn. Il-Kunsill innota li l-paġna uffiċjali tal-Kunsill kompliet iżżid fil-popolarità tagħha u hija l-mezz kif isir kuntatt mal-pubbliku bl-aktar mod faċli u effettiv fid-dinja tal-lum. Naturalment għadna 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu l-maġġoranza tar-residenti, u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha. Kull xahar il-Kunsill Lokali jiltaqa' waqt seduta uffiċjali li tkun live streaming fuq il-website uffiċjali tal-Kunsill. Ukoll, kif stipulat bil-liġi, il-Kunsill obbligat li tul is-sena jsejjaħ żewġ laqgħat annwali għall-pubbliku.

# 3. Rapport Finanzjarju għas-sena 2023

Matul is-sena 2023, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kellu dħul ta' €995,997. Din is-somma hi magħmulha mill-allokazzjoni finanjarza, permessi li matul l-2023 kien hemm żieda, skemi u inizjattivi li l-Kunsill Lokali applika u rnexxielu jibbenefika minnhom. Kien hemm żieda mis-sistema tal-Local Enforcement System u sponsorships oħrajn.

Meta wieħed inaqqas l-ispejjeż mid-dħul, il-Kunsil Lokali ta' Birżebbuġa għalaq is-sena bi deficit ta' €184,111, minħabba żieda sostazzjali fid-depreciation.

Grazzi għall-ħidma tajba tal-Kunsill u l-amminstrazzjoni, il-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena kien f'pozzijoni li jippjana u jibda jwettaq numru ta' proġetti u investimenti kapitali għal matul is-sena 2024.

Iżjed 'l isfel hemm statement finanzjarju dwar dan kollhu fid-dettal.

Local Council Birzebbuga

**Statement of Profit or Loss and Other Comprehensive Income**
**for the year ended 31 December 2023**

| | Notes | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | 942,305 | 974,823 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 4 | 2,844 | 1,189 |
| Income raised under Local Enforcement System | 5 | 3,645 | (5,466) |
| General Income | 6 | 47,203 | 33,477 |
| | | 995,997 | 1,004,023 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 7 | (269,199) | (235,316) |
| Operations and maintenance | 8 | (424,378) | (431,138) |
| Administration and other expenditure | 9 | (486,531) | (332,951) |
| | | (1,180,108) | (999,405) |
| **Operating (loss)/profit for the year** | | (184,111) | 4,618 |
| **(Loss)/profit for the year** | | (184,111) | 4,618 |

The notes on pages 9 to 29 form an integral part of these financial statements.

5

Local Council Birzebbuga

Statement of Financial Position
as at 31 December 2023

| | Notes | 2023 € | 2022 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 11 | 429,672 | 449,305 |
| Intangible assets | 10 | 759 | 1,862 |
| | | 430,431 | 451,167 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 12 | 217,007 | 117,267 |
| Cash at bank and in hand | 13 | 1,124,472 | 1,402,668 |
| | | 1,341,479 | 1,519,935 |
| **Total Assets** | | 1,771,910 | 1,971,102 |
| **RESERVES** | | | |
| Retained earnings | | 1,195,757 | 1,379,868 |
| **Total reserves** | | 1,195,757 | 1,379,868 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 14 | 272,732 | 287,813 |
| Short-term borrowings | 15 | 303,421 | 303,421 |
| | | 576,153 | 591,234 |
| **Total Liabilities** | | 576,153 | 591,234 |
| **Total reserves and liabilities** | | 1,771,910 | 1,971,102 |

These financial statements were approved by the Local Council on 14th February 2024 and signed on its behalf by:

Scott Camilleri
Mayor

Jordy Brincat
Executive Secretary

The notes on pages 9 to 29 form an integral part of these financial statements.

6

# 4. Rapport ta' ħidma mill-Kunsilliera

## *Rapport ta' ħidma mill-Viċi Sindku Josette Busuttil*

Bhala Kunsilliera nkarigata mill- qasam Socjali u attivitajiet u bandli. Kienet sena mimlija xoghol u ghamilna bosta attivitajiet Socjali u lokali. Bdejna is-sena 2023, meta f'Jannar flimkien mal-Kunsill Lokali gie ffirmat l-MOU ghal Gnien il-Kunsill Lokali fiz-zona tal- papa. Dan ilna nahdmu fuqu ghal diversi snin u fl-ahhar kien ser jibda x-xoghol. Nhar it- Tlieta 14 ta' Frar gie organizzat Buffet Breakfast ghal Jum San Valentinu. Is-Sibt 18 ta' Frar gie organizzat il- Karnival gewwa Birzebbuga. Saret Parata fit-toroq ewlenien u wara attivita' fl- skola. Hemm ingabru wkoll Flus ghal EnaMarie ,peress li kellha ssir mixja ,biss minhabba l- maltemp giet mhassra.

Nhar l-14 ta' Marzu, ghamilna zjara nterresanti fil- Fabbrika tal-Benna u wara morna ghal High tea. Fit-22 t'April hadna grupp Sabiha ghal Gurnata Sqallija fejn zorna postijiet sbieh ta' Kultura. Nhar id-9 ta' Mejju morna ghal Buffet Breakfast ghal Jum l' Omm. Fis-7 ta' Gunju organizzajna Buffet Lunch ghal l- okkazjoni ta' Jum Il- Missier.

Fis-Sajf ġiet organizzata attività kbira ġewwa l-Qajjenza bl-isem ta' L-Imnarja fil-Qajjenza fejn fiha kien hemm spettaklu traddizzjonali bis-sehem tal-baned u diversi artisti. Kien ukoll ikel u xorb traddizjonali Malti. L-attività spiċċat b'kuncert mill-aqwa mill-kantant Freddie Portelli.

Ftit qabel il-ġranet tal-Festa tal-lokal ġiet organizzata attività ġewwa Għawdex bl-isem ta' Gozo By Night. Fit-12 t'Awwissu ġiet mtellgħa Ġurnata Sqallija u Etnaland. F'Awwissu ġie organizzat il- Karnival tas-Sajf flimkien mal-Ministeru għal-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Din kienet attività mimlija bi spettaklu mill- aqwa.

L-attivitajiet fis-Sajf jilħqu l-qofol tagħhom permezz ta' Jum Birżebbuġa. Din is-sena sar is-Sibt 2 ta' Settembru. Matul din is-seratà fejn fiha spikka t-talent lokali, dakinhar ingħataw l-ogħla unuri lil dawk il-persuni nnominati u li kien jistħoqqilom li jiġu rikkonoxxuti. Qabel l-attività kellna l-ftuħ tal-Bandli ta' Pretty Bay.

F'Settembru kellna attività soċjali għar-residenti Barbeque by the pool. Dak ix-xahar stress flimkien mal-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa u Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, ġiet organizzata Lejla mbaħħra.Matul ix-xahar ta' Novembru żorna is-Sacra Infermeria u wara għal High Tea. Għal festa tal-Halloween ġie organizzat party bl-isem ta' Feed in Need.

Matul ix-xahar sabiħ ta' Diċembru kellna diversi attivitjiet fostom Buffet Breakfast bit-tombla, attività Rigal b'Imħabba fit-13 ta' Dicembru fejn fiha ġbarna kwantita kbira ta' Rigali. Għalaqna din is-sena permezz tal-attività tal-Milied, Concerto Di Natale u Christmas Celebration, li saru bejn is-16 u 17 ta' Diċembru.

## *Rapport ta' ħidma tal-Kunsillier Joseph Farrugia*

Għalkemm matul din il-leġiżlatura ċedejt ir-rwol tiegħi ta' Sindku, xorta komplejt bid-dedikazzjoni tiegħi biex naqdi lill-komunità permezz tar-rwol maġġuri u dak konsultattiv. Il-kompetenza u l-esperjenza tgħin lill-Kunsill, partikolarment dwar proġetti industrijali u maġġuri. L-involviment kontinwu tiegħi jenfasizza l-impenn għat-titjib u l-progress tal-lokalità u juri tranżizzjoni bla xkiel minn Sindku elett għal kunsillier.

Il-kontribuzzjonijiet tiegħi għall-governanza lokali ma għaddewx inosservati. Li tkun rikonoxxut mill-Gvern Lokali għat-tliet deċennji ta servizz tiegħek fl-okkażjoni tat-30 anniversarju tal-Kunsilli Lokali huwa xhieda tal-impenn u l-impatt dejjiemi tiegħek. Dan ir-rikonoxximent mhux biss jonora l-isforzi individwali tiegħi imma jissimbolizza wkoll l-apprezzament għall-ħidma kollettiva ta' dawk kollha involuti fit-tiswir tal-iżvilupp tal-komunità matul is-snin.

Id-dedikazzjoni tiegħi testendi lil hinn mir-rikonoxximent ċerimonjali. Il-parteċipazzjoni attiva f'laqgħat dwar proġetti li għaddejjin turi l-investiment kontinwu tiegħi fit-tkabbir u l-benesseri tal-komunità. Il-preżenza tiegħi tipprovdi kontinwità u stabbiltà, u tiżgura li għarfien siewi u għarfien istituzzjonali ma jintilfux waqt tranżizzjonijiet fit-tmexxija. Tirrifletti wkoll l-impenn kontinwu tiegħi biex nikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Nirringrazzja lil dawk kollha li servew u ħadmu miegħi matul dawn is-snin kollha li ilni nservi fil-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## *Rapport ta' ħidma tal-Kunsillier Sandro Alexander Caruana*

Bdejna x-xogħlijiet fi Triq l-Imnarja, parti minn Triq il-Port Hieles, Triq Ta' Feliċjan u Triq Birżebbuġa (minn ħdejn il-latrina ta' San Ġorġ sar-roundabout prinċipali tar-raħal), kif ukoll mill-Public Works Department saru bankini ġodda fosthom fi Triq Diċembru 13, Triq San Edwardu, biċċa minn Triq Sant'Anġlu, u Triq Arturo Issel u biċċiet oħrajn li kien nkisru. Saru rubber sleeping police fejn kien hemm il-permessi minn Transport Malta.

Fi Ġnien il-Kunsill Lokali (f'Tal-Papa) sar restawr tal-ħitan u ttellgħu pilastri ġodda b'bozoz LED, sar ħadid mad-dawra sabiex billejl jibda jingħalaq, ġew restawrati l-passaġġi, saru CCTV cameras, u ħadt ħsieb il-preparamenti għal bandli ġodda (xogħol magħmul mill-Public Works Department). Hdimt ukoll mal-periti rigward l-istorm water unit tal-Public Works Department għal culvert minn Triq Birżebbuġa sa Triq San Ġorġ u Triq Tal-Ġebel, liema xogħol imbagħad irid isir minn Infrastructure Malta.

Bdiet ħidma intensiva flimkien mal-kuntrattur tad-dawl fejn beda jinbidel id-dawl kollu tax-xatt, li jinkludi l-globi u l-bozoz LED kollha. Sar ukoll dawl dekorattiv f'Misraħ San Ġorġ Preca biswit il-mużew tas-subien, u saru iżjed bozoz skont it-talbiet tar-residenti.

Għamilt ukoll eżerċizzji li fihom pruvajt insib kemm jista' jkun postijiet għal parking bays ġodda. Hdimt ukoll fuq il-pjanti tal-proġett għaċ-ċentru ċiviku l-ġdid kif ukoll kont involut fil-ħidma ta' kif se jitħaddem il-Multi Storey Car Park tal-Freeport. Insemmi wkoll li meta ntalab is-servizz taż-żewġ baned tal-lokal, dejjem hemm kont hemm biex norganizza.

## *Rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera Maria Mifsud*

Bħala kunsilliera responsabbli għall-ambjent kont impenjata b'mod attiv fis-sorveljanza ta' diversi inizjattivi mmirati lejn il-preservazzjoni u t-titjib tal-ambjent lokali tagħna: mis-sorveljanza ta' soft areas sal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' tindif u indirizzar ta' lmenti tar-residenti. Ix-xogħol tiegħi kien li niżgura ambjent sostenibbli u b'saħħtu għal kulħadd.

*Sorveljanza u Manutenzjoni*

Wieħed mill-aspetti ewlenin tar-rwol tiegħi kien il-moniteraġġ ta' żoni ħodor, bħal parks, ġonna, u spazji ħodor. Saret sorveljanza regolari biex jiġu identifikati żoni li jeħtieġu manutenzjoni, tisqija, tħawwil mill-ġdid, u interventi oħra.

*Attivitajiet ta' Tindif*

Tajt daqqa t'id b'mod attiv lil diversi attivitajiet ta' tindif b'kollaborazzjoni ma' gruppi tal-komunità lokali, skejjel, u voluntiera. Dawn l-inizjattivi mhux biss għenu biex jitneħħa l-ħmieġ u d-debris minn żoni pubbliċi iżda qajmu wkoll kuxjenza dwar l-importanza tal-immaniġġjar tal-iskart u l-amministrazzjoni ambjentali fost ir-residenti. Billi trawwem sens ta' responsabbiltà, għamilna passi sinifikanti biex inżommu d-distretti tagħna nodfa u ħielsa mill-iskart.

*Ilmenti tar-residenti*

L-indirizzar tat-tħassib u l-ilmenti tar-residenti dwar kwistjonijiet ambjentali kienet prijorità ewlenija, kemm jekk huwa tniġġis mill-istorbju, rimi illegali, jew qerda tal-abitat. Kull ilment ittieħed bis-serjetà u ġie segwit b'azzjoni xierqa. Billi nipprovdu pjattaforma għar-residenti biex jesprimu t-tħassib tagħhom u jfittxu b'mod attiv is-soluzzjonijiet, trawwem kultura ta' responsabbiltà ambjentali u rispons fi ħdan il-komunità.

*Inizjattivi futuri*

B'ħarsa 'l quddiem, jien impenjata li nesplora inizjattivi ġodda li jkomplu jtejbu l-isforzi tagħna ta' sostenibbiltà ambjentali. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' prattiċi ta' ġestjoni tal-iskart aktar effiċjenti, il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli, u l-espansjoni tal-ispazji ħodor fiż-żoni urbani. Billi nistinkaw kontinwament għat-titjib u l-innovazzjoni, nistgħu niżguraw futur isbaħ għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

## 5. Konklużjoni finali

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa huwa marbut sabiex fuq kollox ikompli jattwa l-pjan ta' ħidma li sar għas-snin 2023-2024.

Naturalment, huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ta' dak kollu li jkun sar u ġara matul is-sena preċedenti, iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi hawn fuq, il-Kunsill permezz tal-amministrazzjoni qiegħed jimmaniġġja wkoll diversi kuntratti li diġà huma attwali u dawk ġodda. Madankollu, ninsabu konvinti li b'dan kollu wieħed jista' jieħu stampa ċara, li għalkemm dejjem ikollna sfidi kbar, il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul din is-sena kienet waħda kbira. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill Lokali waħdu ma jista' jagħmel xejn. Għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jista' jitwettaq. Lil dawn kollha, il-Kunsill Lokali jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom fil-lokalità tagħna.

**Imressaq u approvat illum l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024 waqt seduta numru 78.**

**IFFIRMATA**

____________________

**Scott Camilleri**
***Sindku***
Kunsill Lokali Birżebbuġa

**IFFIRMATA**

____________________

**Jordy Brincat**
***Segretarju Eżekuttiv***
Kunsill Lokali Birżebbuġa